**Kunsill Lokali Żejtun**
**'Dar iż-Żwieten',** 28, Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt website: www.zejtunlocalcouncil.com

ŻEJTUN Citta` Beland
Frott iż-Żebbuġ Ismi

**Seduta** 04/09 tas-sitt Kunsill Lokali elett Marzu 2008
**Data** 28/05/2009 fis-06.30pm
**Post** Sala Mikiel Cachia, 'Dar Iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun

**Attendenza**

| | |
|---|---|
| Sindku Joe Attard | Preżenti |
| Viċi Sindku Joan Agius | Preżenti |
| Camilleri Claude | Assenti minħabba xogħol |
| Darmanin Richard | Preżenti |
| Fenech Stephanie | Preżenti sat-7.45pm |
| Hales Joseph | Assenti minħabba xogħol |
| Pace Darrell | Preżenti mit-7.50pm |
| Seychell Anthony | Preżenti |
| Wille Piscopo Elisabeth | Assenti minħabba xogħol |

**Preżenti wkoll**
Segretarju Eżekuttiv Anton Falzon
Assistent Prinċipal Caroline Schembri

**04. 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 04. 1. 1 | | Proponent:Seychell<br>Sekondant:Fenech | **Il-Minuti 03/09a inqraw u ġew approvati nem.con. bil-korrezzjonijiet li ġejjin:-** | |
| | | Joseph Hales kien assenti minħabba xogħol fil-laqgħa 03/09a | | |
| | 03.2.5 | Dwar il-Mużew taż-Żejt il-persuni inkarigati huma s-Sindku u Pace. Għaldaqstant il-kunjom Fenech tneħħa. | | |
| | 03.3.14 | Jidħlu dawn is-sentenzi fl-aħħar tal-paragrafu. Il-Viċi-Sindku staqsiet dwar l-ittra li nkitbet lill-Għaqda Beland dwar l-attivita' tal-Ġimgħa l-Kbira. Is-Sindku rrisponda li kien hemm tweġiba li kellu jiddiskutiha mal-Viċi-Sindku. | | |
| | 03.5.2 | Wara l-kliem 'tiżloq ħafna' jidħlu l-kliem u għaldaqstant grupp tat-tfal minn Żabbar xtaqu li din tingiref. Fenech infurmat lill-Kunsill li kienet ser tkellem liż-żgħażagħ li jkunu hemmhekk. | | |
| 04. 1. 2 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv** | | |

**04. 2. Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 04. 2. 1 | 03.2.1 | Fenech: Waslet il-Festa | Fenech staqsiet x'ser jiġri dwar l-attivita' 'Waslet il-Festa'. Is-Sindku wieġeb li jekk naslu fi ftehim bi prezz ragonevli din ser tittella' attivita' fit-12 ta' Ġunju. | |
| 04. 2. 2 | 03.2.4 | Sindku: Attivita' 100 sena skola | Is-Sindku ta rapport ta' l-attivita' li saret mis-sotto kumitat ta' l-edukazzjoni fejn tqassmu t-tifkiriet lill-għalliema pero' għad fadal x'jitqassmu. L-attivita' maret tajjeb ħafna kif ukoll il-wirja tar-ritratti.. | Camilleri |
| 04. 2. 3 | 03.2.7 | Sindku: Newwes Garage | Is-Sindku informa lill-Kunsill li għad hemm il-problemi sabiex isir is-single yellow line fi Triq l-Arċipriet Degabriele minħabba Newwes Garage. | Darmanin |
| 04. 2. 4 | 03.2.8 | Sindku: Meusac | Is-Segretarjat informa lill-Kunsill li l-laqgħa mal-Meusac li għaliha ser jattendu l-Viċi-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv ser issir fil-15 ta' Ġunju, 2009. | Viċi-Sindku Segretarju Eżekuttiv |
| 04. 2. 5 | 03.2.9 | Sindku: Rittratt tal-President | Is-Sindku irraporta li r-ritratt tal-President ta' Malta ser jinġabru mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali għada 29 ta' Mejju. | |
| 04. 2. 6 | 03.2.5 | Sindku: Olive Oil Museum | Is-Sindku informa lill-Kunsill li għad ma kellux risposta mid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni. Pace qal li lanqas min-naħa tiegħu ma kellu risposta. | Sindku Pace |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 04. | 2. | 7 | 03.2.12 | Viċi-Sindku: Attivitajiet | Il-Viċi-Sindku rrapurtat l-attivitajiet li saru: il-weeknd break li mar tajjeb ħafna fejn in-nies apprezzaw ukoll il-harbour cruise u l-ħarġa tal-Ħadd. Il-coffee morning li sar għal Jum l-Omm kellu attendenza tajba u mar tajjeb ukoll. | Viċi-Sindku Segretarju Eżekuttiv |
| 04. | 2. | 8 | 03.3.2 | MEPA: PA1038/09 | L-ittra li l-Kunsill kiteb rigward l-applikazzjoni tal-ħanut tal-logħob quddiem il-MEPA, l-awtorita' qalet li l-ittra waslet tard pero' xorta waħda ser tkun ikkunsidrata. Seychell talab lill-Kunsill sabiex tinħareġ stqarrija dwar il-ferita' soċjali li qed joħolqu dawn il-ħwienet li żdiedu b'mod drastiku fil-lokalita'. Is-Sindku qal li hu diga' tkellem mal-media dwar dan. Min-naħa ta' l-att soċjali il-Viċi-Sindku esprimiet id-dizapprovazzjoni tagħha għal dawn it-tip ta' ħwienet. Is-Sindku qal li jekk ma jsirux regolamenti ġodda kollu għalxejn peress li l-liġi attwali fiha xi loop holes. | Sindku |
| 04. | 2. | 9 | 03.3.5 | Sindku: Lokalitajiet bi bżonnijiet speċjali | Is-Sindku informa lill-Kunsill li għada 29 ta' Mejju ser tintefa l-applikazzjoni għal lokalitajiet bi bżonnijiet speċjali fejn għaliha ser jintalbu fondi sabiex isir ristrutturar ta' toroq distributorji bħal Triq l-Arċipriet Degabriele, Wesgħa Bir id-Deheb, Triq il-Labour,Triq A. Cachia Zammit u stretch bejn Ġnien Luqa Briffa u d-Dar ta' l-Anzjani. | Sindku. |
| 04. | 2. | 10 | 03.3.8 | Sindku: Parking for residents only at Ta' Ganza | Il-Kunsill kiteb lid-Dipartiment tad-Djar dwar it-tabelli li twaħħlu għal 'parking for residents only' fil-btieħl tal-flats f'Ta' Ganza u rċieva risposta mill-Perit Anton Camilleri. Il-Kunsill ser jerġa' jikteb lill-Perit Camilleri dwar ir-risposta li ngħata. | Darmanin |
| 04. | 2. | 11 | 03.5.1 | Sindku: Mini-pitch fi Ġnein iż-Żgħożija | Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-mini pitch għadu ma wasalx. Għaldaqstant ser isir kuntatt mal-Kuntrattur sabiex naraw meta ser jitwaħħal il-mini-pitch. | |
| 04. | 2. | 12 | 03.5.2 | Fenech: Skatepark/Ġnien | Fenech issuġeriet li jitwaħħlu tabelli sabiex tfal taħt l-eta' jattendu ma' persuna adulta (ġenitur/guardian). Il-Viċi-Sindku staqsiet jekk jiġri xi inċident min hu responsabbli. Is-Sindku wieġeb li l-apparat tal-Kunsill huwa mqiegħed skond standards Ewropej u għaldaqstant il-Kunsill huwa kopert. Il-Kunsill ser jikkunsidra li jwaħħal it-tabelli kif propost minn Fenech. Fenech talbet sabiex il-Kunsill ikollu f'idjeh dokument li jiċċertifika l-iskate-park. Is-Sindku qal li l-iskate park sar minn ditta Belġjana u hi approvata mill-E.U. | Sindku Hales |
| 04. | 2. | 13 | 03.8.1 | Seychell: Kor tal-Milied | Seychell informa lill-Kunsill li l-prezz tal-Kor tal-Milied ġie rivedut għal Eur850. | Seychell |
| 04. | 2. | 14 | 03.9.1 | Sindku: Zooming on Local Sustainabilities | Is-Sindku ta rapport tal-konferenza li kienet organizzata mill-Meusac għal kunsilli ġemellati. Il-Kunsill innota li kellu jagħmel tajjeb għal airport transfers, lejl extra li kellhom jagħmlu il-5 parteċipanti ta' Tocina peress li ma kienx hemm titjiriet dak inhar li ntemmet il-konferenza. Ma kienx provdut servizz ta' interpretu Spanjol. | Sindku |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 04. | 2. | 15 | 03.9.2 | Sindku: Ġita għal Tocina | Is-Sindku informa lill-Kunsill li ż-żjara kulturali fuq bażi privata għal Tocina ser tkun bejn id-29 ta' Awwissu u l-5 ta' Settembru għall-prezz ta' Eur900. Inkluż fil-prezz hemm: 2 titjiriet bir-ritorn, transfers, lukanda 4 stilel fuq bażi half board u l-eskursjonijiet kollha. | Sindku<br>Viċi-Sindku |
| 04. | 2. | 16 | 03.11.1 | Viċi-Sindku: Uffiċċju tas-Sigurta' Soċjali | **Il-Kunsill laqa' t-talba tal-Viċi-Sindku sabiex tinkiteb ittra lid-Direttur tas-Sigurta' Soċjali dwar is-servizz offrut liċ-ċittadin kif ukoll dwar il-post li mhux miżmum fi stat tajjeb tant li anke l-impjegati huma mdejjqin.** | Segretarjat |
| 04. | 2. | 17 | 03.11.3 | Sindku: Speed Camera Tal Barrani | Is-Sindku informa lill-Kunsill li bejn il-15 ta' April u l-15 ta' Mejju ingħataw madwar elf ċitazzjoni bl-ispeed camera fi Triq Tal Barrani. | Sindku |
| 04. | 2. | 18 | 03.11.4 | Sindku: Bus Stop - Triq l-Għadam | Is-Sindku inkariga lil Darmanin sabiex jara x'ġara mill-bus stop li nqala' minn Triq l-Għadam. | Darmanin |
| 04. | 2. | 19 | 03.11.7 | Fenech: z@freak | Fenech infurmat il-Kunsill li l-attivita z@freak ġiet posposta għal 31 ta' Lulju. Il-Viċi-Sindku qalet li l-attivita Tislima Sajf ser issir fil-21 ta' Awwissu. It-tqassim tal-flyers tal-computers u ta' l-attivitajiet ser isir bejn l-4 u s-7 ta' Ġunju, 2009. | Fenech |
| 04. | 2. | 20 | 03.11.13 | Viċi-Sindku: Jum il-Missier | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li ż-żjara li kellha issir lill-President ta' Malta fl-okkażjoni ta' Jum il-Missier nhar it-18 ta' Ġunju ma ntlaqgħetx peress li dak inhar ser ikun qed jagħmel żjara lill-Papa. Għaldaqstant ser issir żjara lill-fabbrika tal-Berger Paints ġewwa Ħal Far, il-Wardija u lunch ġewwa l-Passaparola Restaurant. | Viċi-Sindku |

**04. 3. Korrispondenza**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML04/09. B'riferenza għal:

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 04. | 3. | 1 | 03 | MEPA:- PA1409/09 | **Il-Kunsill qabel nem.con sabiex jiġbed l-attenzjoni tal-MEPA li dan is-sit jinsab fil-*village core* u għalhekk għandu jinżamm it-*texture* u l-karattru ta' l-inħawi.** | Sindku |
| 04. | 3. | 2 | 11 | OPM: Skema Attivitajiet Sportivi | Filwaqt li l-Kunsill innota li l-proġett propost ġiet aċċettat, il-Kunsill ingħata Eur840 għal dan il-proġett. Wara diskussjoni li saret, **il-Kunsill qabel li jagħmel registration fee ta' Eur5 għal kull applikant. Il-klassijiet ta' l-aerobics ser isiru kull nhar ta' Tnejn u Ħamis minn Ġunju. Il-ħinijiet ser ikunu stabbliti wara li tkun konsultata l-għalliema.** | Fenech |
| 04. | 3. | 3 | 12 | OPM: Skema Energy Saving | B'referenza għall-applikazzjoni li l-Kunsill issottometta taħt l-iskema ta' Energy Saving, il-proġett għal Ġnien Brejġu ġie aċċettat u ngħatat is-somma ta' Eur1,600 somma miżura meta l-proġett tad-dawl hu stmat li jiswa Eur10,000. | Sindku |
| 04. | 3. | 4 | 14 | Cassar: Inċident fi Triq San Klement | **Il-Kunsill qabel li l-ispejjeż b'konnessjoni ma' l-inċident li kellu Cassar minħabba ħofra li saret mill-KSI ikunu indirizzati lill-istess korporazzjoni.** | Sindku |

**04. 4. Ħlasijiet**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 04. 4. 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 04/09 | **Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill.** | Segretarjat |
| 04. 4. 2 | | Tabella tal-Ħlasijiet 04/09 | **Il-Kunsill approva nem.con il-ħlas tal-kontijiet l-oħra skond kif jidher fit-tabella tal-ħlasijiet 04/09 bil-verifiki meħtieġa kif indikat fuq l-istess tabella.** | Segretarjat |
| 04. 4. 2 i | 17 | Captain Morgan: Harbour Curise Tocina Delegation | Ir-rimbors ta' dan il-kont għandu jkun pagabbli lill-John's Mini Bus Service liema kuntrattur għad irid jissotmetti il-kont għall-minibus service. | Segretarjat |
| 04. 4. 2 ii | 49 | Plaza Hotels: Weekend Break | Dan il-kont qed ikun verifikat mill-Viċi-Sindku, il-persuna responsabbli mill-attivita'. Dan il-kont ser jitħallas meta jsiru l-aġġustamenti neċessarji peress li ma ddaħħlitx l-ikla tal-parteċipanti ta' Tocina. | Segretarjat |
| 04. 4. 3 | | Talbiet għal Xiri 04/09 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi.** | Segretarjat |
| 04. 4. 4 | | Petty Cash: Mejju 2009 | **Il-Kunsill approva nem.con l-infiq tal-petty cash għal Mejju 2009 hekk kif preżentat fit-tabella u li kien jammont għal Eur 222.68** | Segretarjat |

**04. 5. Mozzjonijiet u Xogħlijiet**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 04. 5. 1 | | Proponent: Darmanin<br>Sekondant: Viċi-Sindku | **Fuq proposta ta' Darmanin sekondata mill-Viċi-Sindku, il-Kunsill qabel li għandha tissejjaħ laqgħa mal-Kunsill Lokali tal-madwar sabiex tittieħed azzjoni dwar l-impjant il-ġdid tal-power station il-ġdida li qed ikun propost minħabba gassijiet tossiċi. Pace spjega li l-iskart tiegħu mhux tossiku. Dwar dan nivverifikaw.** | Darmanin |

**04. 6. Affarijiet Oħra jekk meqjusa urġenti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 04. 6. 1 | | Viċi-Sindku: Ġnien il-Qawsalla | Il-Viċi-Sindku ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill dwar il-ħaxix ħażiżin li hemm bżonn li jinqata' minn ma' l-artificial turf. Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li dan ix-xogħol ma jistax isir mill-ħaddiem fuq probation peress li tul ix-xhur tas-sajf waqaf mill-ħidma tiegħu mal-Kunsill. | Hales |
| 04. 6. 2 | | Darmanin: Ronda fis-Suq taż-Żejtun | Darmanin spjega li nhar l-Erbgħa saret spezzjoni fis-suq taż-Żejtun fejn hu kien preżenti u instabu nies li qed jarmaw mingħajr permess. Il-proċess ma kienx wieħed finali u ser jitkompla. Il-Kunsill qabel sabiex jiddaħħlu l-ewwel ħamsa li jinsabu fuq il-waiting list. | Darmanin |
| 04. 6. 3 | | Fenech: Attivitajiet | Fenech infurmat il-Kunsill li nhar il-Ħadd 31 ta' Mejju ż-żagħażagħ ser imorru horse riding ġewwa l-Bidnija u wara ħarġa għal baħar filwaqt li nhar is-26 ta' Ġunju ser issir taste dive ġewwa ċ-Ċirkewwa. | Fenech |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 04. | 6. | 4 | Fenech: Proġett 'Arti Żagħżugħa | Il-Ġimgħa 5 ta' Ġunju ser ikun varat il-proġett 'Arti Żagħżugħa' fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill. Ser tittella' power point presentation. Il-Kunsill huwa mħeġġeg li jattendi. Wara l-launching, issir bibita żgħira u wara ż-żgħażagħ ser jagħmlu night hike flimkien mal-youth worker Simon Schembri. Dan il-proġett ser idum sejjer disa' xhur, ser isiru thinking hats fl-erba' oqsma: drama, arti, mużika u żfin. Fl-aħħar tal-proġett, f'Diċembru 2009 hemm il-ħsieb li jittella' talent show ġewwa l-iskola primarja B. Il-youth worker ser jitħallas mill-flus tal-proġett press li bħalisa dan qed jaħdem fuq bażi volontarja billi l-Ministeru waqqaf il-proġett tal-Youth Empowerment. | Fenech |
| 04. | 6. | 5 | Fenech: Mcast Info Meeting | Fenech infurmat lill-Kunsill li ser isir ko-ordinament ma' Camilleri sabiex din id-darba jerġa' jsir l-Mcast Info Meeting fejn anke hemm il-ħsieb li meta ż-żgħażagħ jiġbru l-prospectus, jingħataw informazzjoni tal-laqgħa li ser jorganizza l-Kunsill. | Fenech |
| 04. | 6. | 6 | Seychell: Blokka tal-konkos f'Misraħ il-Bjar | Seychell staqsa dwar il-blokka tal-konkos li kellha issir f'Misraħ il-Bjar. Darmanin informa lill-Kunsill li l-blokka kienet ser issir illejla. | Darmanin |
| 04. | 6. | 7 | Seychell: Qasam Ta' Ganza | Seychell ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar ġrieden madwar Blokk B u C. Is-Sindku qal li dan ir-rapport ser jgħaddi lis-Sanita'. Darmanin ippropona li jintefa' l-weraq tas-siġar ta' l-oleander peress li l-ġrieden jibżgħu minnu. | Segretarjat |
| 04. | 6. | 8 | Seychell: Dustbins wara l-knisja ta' San Gigor | Seychell informa lill-Kunsill li t-3 dustbins li twaħħlu wara l-knisja ta' San Girgor mhumiex jitbattlu fuq bażi regolari. Is-Sindku talab lis-Segretarjat sabiex ikun avviċinat lill-kuntrattur tal-ġbir ta' skart bieb bieb. | Segretarjat |
| 04. | 6. | 9 | Seychell: Kompetizzjoni ta' l-Inbid | Seychell ġibed l-attenzjoni dwar il-fan bil-ħsara li hemm fil-kamra tal-lezzjonijiet ta' San Girgor. Seychell talab sabiex dan jitranġa minħabba l-kompetizzjoni ta' l-inbid li ser issir fl-10 ta' Lulju. Għal din l-attivita' ikun hemm il-bżonn tal-fridge. | Seychell |
| 04. | 6. | 10 | Seychell: Lejla Poeżija | Seychell stieden lis-Sindku sabiex dak inhar tal-lejla poeżija tat-12 ta' Ġunju jagħmel messaġġ ta' l-okkażjoni. Din ser issir f'Misraħ Diċembru XIII. Għal din l-attivita' hemm bżonn madwar 30 siġġu u persuna sabiex tipprepara bibita. | Seychell |
| 04. | 6. | 11 | Seychell: Arbli tad-dawl temporanji | **Il-Kunsill qabel li jikteb lill-Enemalta dwar żewġ arbli tad-dawl li twaħħlu b'mod temporanju fi Triq Dun Spir Grixti u ieħor fi Triq Duluri k/m Triq Dun Spir Grixti.** | Sindku |
| 04. | 6. | 12 | Viċi-Sindku: Attivitajiet | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li nhar l-1 ta' Ġunju ser issir żjara liż-Żejtun Home fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm u l-Missier. Ħmistax ilu saret żjara lill-anzjani ta' SVDP. | Viċi-Sindku |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 04. | 6. | 13 | Viċi-Sindku: Timetable komuni | Il-Viċi-Sindku talbet sabiex issir timetable komuni għas-sotto kumitat li ser jorganizzaw xi korsijiet. Is-Sur Seychell informa lill-Kunsill li l-kors ta' l-arti ser issir mit-18 ta' Lulju sal-5 ta' Settembru kull nhar ta' Sibt bejn l-10.00 u nofsinhar minn Ms Claire Portelli. | |
| 04. | 6. | 14 | Viċi-Sindku: Offerta DVD u ktieb | Il-Viċi-Sindku ressqet quddiem il-Kunsill proposta ta' Horizons DVDs li tikkonsisti fuq dokumentarju dwar il-lokalita' fuq DVD u ktieb għall-prezz ta' Eur4,000 għal 1,000 DVD u li 150 sett jinbiegħu minn Horizons stess. Il-Kunsill ser jevalwa din l-offerta. | |
| 04. | 6. | 15 | Viċi-Sindku: Ħaxix Ħażin | Il-Viċi-Sindku talbet sabiex tingħata attenzjoni u jinqata' l-ħaxix ħażin li kiber f'diversi postijiet madwar il-lokalita'. **Il-Kunsill laqa' din it-talba**. | Hales |
| 04. | 6. | 16 | Viċi-Sindku: Road Markings | Seychell talab sabiex jinżebgħu z-zebra crossing fi Triq san Girgor u ta' Triq id-Daħla ta' San Tumas. **Il-Kunsill laqa' din it-talba.** | Darmanin |
| 04. | 6. | 17 | Viċi-Sindku: Billboard | Il-Viċi-Sindku talbet sabiex il-billboard ta' l-Għaqda Beland isir fuq wara peress li qed jagħlaq il-passaġġ. Is-Sindku qal li l-permess ħareġ bil-kundizzjoni li l-Billboard ma joħloqx ostakolu għall-pedestrians. | Sindku<br>Darmanin |
| 04. | 6. | 18 | Darmanin: Berġa tal-lokal | Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-Berġa taż-Żejtun issemmiet fil-Parlament li din ser tkun bħala ċentru għall-kura primarja. Darmanin talab sabiex il-ħinijiet il-ġodda jitwaħħlu fuq in-noticeboards tal-Kunsill u anke ta' l-Għassa tal-Pulizija. Il-Viċi-Sindku qalet li kienu qed isiru diskussjonijiet sabiex is-sharps jibdew jintremew fil-bereġ iżda preżentement id-diskussjonijiet waqqfu. | Viċi-Sindku |
| 04. | 6. | 19 | Darmanin: Funtana BID | Darmanin talab sabiex il-funtana ta' Bir id-Deheb tiġi rranġata. **Il-Kunsill laqa din it-talba.** | Sindku |
| 04. | 6. | 20 | Fenech: Drenaġġ | Fenech infurmat lill-Kunsill dwar sadd tad-drenaġġ li qed issofri residenza 'Sant'Antnin' fi Triq President A. Buttiġieġ filwaqt li Darmanin qal li hemm l-istess problema fi Triq Serafin Xuereb. Is-Sindku u Darmanin ser imorru fuq il-post. | Sindku<br>Darmanin |
| 04. | 6. | 21 | Darmanin: Sprall f'Misraħ Girgor Bonici | Darmanin talab lill-Kunsill sabiex jissewwa l-isprall sfrundat li hemm f'Misraħ Girgor Bonici viċin ir-rampa tal-persuni b'diżabilita'. It-talba ġiet milqugħa. | Sindku |
| 04. | 6. | 22 | Darmanin: Żvilupp fi Vjal 25 ta' Novembru | Darmanin talab sabiex tkun irranġata l-bankina mill-iżviluppatur ta' Vjal 25 ta' Novembru u jerġgħu jitwaħħlu s-sinjali ta' 30 minutes parking. Is-Sindku qal li għandu jerġa' jkun avviċinat il-kuntrattur inkwistjoni. | Sindku |
| 04. | 6. | 23 | Sindku: Xiri ta' garaxx | Is-Sindku informa lill-Kunsill dwar ir-riċerki tan-nutar li saru fuq il-garaxx biswit l-uffiċċini tal-Kunsill. Mir-riċerki ħareġ li Ms Marina Galea għandha 5/12 sehem tal-garaxx u għaldaqstant ser jinxtara s-sehem kollu tagħha biss. **Il-Kunsill qabel nem.con**. Id-Dipartiment tal-Gvern Lokali ġie infurmat. | Sindku<br>Darmanin |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 04. | 6. | 24 | Sindku: Applikazzjoni għall-Aċċessibilta' | Is-Sindku informa lill-Kunsill li għada ser tiġi sottomessa l-applikazzjoni għall-aċċessibilita' ta' l-uffiċini tal-Kunsill kif ukoll ser tiddaħħal applikazzjoni sabiex tiġi riabilitata żona rurali dik ta' Ħal Tmiem taħt miżura 313. | Sindku |
| 04. | 6. | 25 | Pace: Sleeping Policeman | Pace reġa talab lill-Kunsill sabiex tittieħed azzjoni dwar ilma qiegħed li jinġabar fejn is-sleeping policeman ta' Triq Melchiorre Gafa'. Darmanin ġie inkarigat jara x'hemm bżonn isir. | Darmanin |
| 04. | 6. | 26 | Fenech: WI-FI Spots | Fenech ġibdet l-attenzjoni dwar l-artiklu li deher fil-ġurnal The Times dwar WI-FI spots fil-lokalita' ta' B'Kara u Sliema. Is-Segretarjat informa lill-Kunsill li meta ċċekkja mal-MCA dawn talbu Eur175 għal kull wi-fi spot. Pace qal li jista' jsir xi forma ta' reklamar peress li jekk is-servizz tal-wi-fi ikun provdut minn kuntrattur privat u mhux mill-mitts nidħlu fi spejjeż ulterjuri bħal filtering etc. | Segretarjat |
| 04. | 6. | 27 | Segretarjat: Backup System | Is-Segretarjat informa lill-Kunsill li bħalissa qed jiġbor kwotazzjonijiet għal back up system. L-intercomp talbu Eur5,000 għal din is-sistema. | Segretarjat |
| 04. | 6. | 28 | Seychell: Bankina Perikoluża fi Triq Santa Monika | Seychell ġibed l-attenzjoni dwar bankina perikoluża fi Triq Santa Monika. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li din tlestiet il-bieraħ. | Sindku |

Is-Sindku għalaq il-laqgħa fit-08.15pm. Laqgħa oħra ser issir nhar il-Ħamis, 25 ta' Ġunju, 2009 fis-6.00pm fl-uffiċċji tal-Kunsilli Lokali Zejtun.

Joe Attard
Sindku

Anton Falzon
Segretarju Eżekuttiv